# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 596/97

Joseph Pace

vs

Ministeru tal-Gustizzja u b' digriet tat-2 ta' Ottubru 2001 gie kjamat fil-kawza d-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti

Illum 30 ta' April, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fid-data l'isfel indikati r-rikorrent gie mcahhad minn promozzjoni ghall-grad ta' usher u marixxal tal-Qrati.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Illi fl-20 ta’ Mejju 1991 sar ezami ghall grad ta’ usher u marixxal u gie klassifikat it-tnax-il wiehed meta suppost gie t-tieni.

Illi hu car li l-persuni li gew qablu ghandhom *seniority*, kapacita u kwalifiki inqas minnu, hu gie promoss usher fit-3 ta’ Frar 1992 u marixxall fis-6 ta’ Dicembru 1995 u b’hekk gie gradat wara dawn il-persuni imsemmija u isofri telf ta’ increments.

Illi hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku li jindika wkoll il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom biex-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li l-intimat tappuntah usher jew b’effett mill-20 ta’ Mejju 1991 fil-gradazzjoni gusta (bil-promozzjoni sussegwenti ikun fl-istess gradazzjoni u ordni) jew dik id-data li jidhirlu xieraq u/jew jordna l-hlas ta’ kumpens li ma jeccedix il-Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali li eccepixxa:

Illi huwa rcieva lment minn Joseph Pace dwar ezami li huwa kien ghamel biex sar Marixxall.

Illi fir-rikors promotur huwa ma gab l-ebda prova sabiex ikun jista' jissustanzja l-allegata ingustizzja.

Illi f'kull kaz l-intimat mhux il-legittimu kontradittur ladarba l-proceduri in kwistjoni saru mill-Kummissjoni ghas-Servizz tal-Poplu (PSC) u kwindi hija din il-Kummissjoni li ghandha tirrispondi ghall-ghemilha.

Ghaldaqstant l-intimat talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta l-ohra tal-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali li eccepixxa:-

Illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Illi l-ilment minn Joseph Pace huwa dwar ezami li huwa kien ghamel biex sar Marixxall u stante li dan l-ezami kien wiehed organizzat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skond il-funzjonijiet taghha taht l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrent irid se mai jagixxi fil-konfront ta' dik il-Kummissjoni u dan fil-limiti ta' l-Att VII ta' l-1997.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra r-risposta ohra (it-tielet wahda) tal-Ministeru tal-Gustizzja li eccepixxa:

Illi huwa jopponi t-talbiet tal-attur.

Illi l-attur qieghed sostanzjalment jilmenta mill-"placing" tieghu f'ezami organizzat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn huwa, minghajr ma jispjega ghaliex, isostni li kellu jigi t-tieni minflok it-tnax.

Illi l-apprezzament tal-kapacitajiet tal-kandidati f'ezami pubbliku tispetta lill-Bord ta' l-Ghazla u huwa inkoncepibbli illi dan it-Tribunal jerga jaghmel l-ezami mill-gdid biex jiddeciedi min kellu jigi t-tieni, t-tielet etc fl-ezami in kwistjoni.

Di piu`, il-kriterji li fuqhom jinghataw il-marki f'tali ezamijiet huma hafna drabi dipendenti mill-gudizzju soggettiv tal-membri tal-Bord ta' Ghazla u ghad li certi kriterji huma soggetti ghal evalwazzjoni oggettiva bhal ma huwa l-kaz per ezempju meta wiehed ikun qieghed jaghti marki ghal kwalifiki akkademici, tul ta' servizz etc certi kriterji ohra (bhal ma huma l-personalita` u l-addattabilita` ta' persuna ghall-kariga in kwistjoni) jiddependu minn evalwazzjoni soggettiva li ma tipprestax ruhha ghal revizjoni salv jekk ikun hemm provi cari li ma saritx "in buona fede".

Illi dan it-Tribunal in oltre m'ghandux gurisdizzjoni biex jissindika l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku f'materja bhal din - haga li lanqas il-Qrati ma ghandhom skond il-Kostituzzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Direttur Generali u Registratur tal-Qrati li eccepixxa:

1. Il-kjamata in kawza, mitluba mir-rikorrent seduta stante t-2 ta' Ottubru, 2001, u milqugha fl-istess jum, tidher li hija ntiza biss biex kienet sorvolata d-diffikulta' pprezentata bit-talba tieghu, maghmula minnu b'rikors il-jum ta' qabel, 1 ta' Ottubru, 2001, u milqugha fl-istess jum, biex ir-rikorrent igib provi ohra permezz tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza u dan wara l-gheluq tas-smiegh tal-kaz fit-18 ta' Jannar, 2001.

2. Illi l-operazzjoni medika u d-durata fl-isptar, jekk avveraw ruhhom qabel l-gheluq tas-smigh tar-rikors, ma kienux raguni tajba legalment biex jimpedixu lir-rikorrent milli jgib provi ohra, inkluza dik ta' l-esponent, f'kawza li bdiet fis-7 ta' Ottubru, 1997.

3. Illi l-kjamat fil-kawza mhux legittimu kontradittur. Dan ghaliex l-ezami ghall-promozzjoni ma sarx minnu u mhux kompitu tieghu li jippartecipa fi jew jikkontrolla proceduri ta' ghazla bhal dawn odjerni. Ghalhekk il-kjamata in kawza tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati f'din il-kawza mhix utili u efficjenti ghal procediment ta' l-istess kawza u ghall-ekonomija tal-gudizzju.

4. Illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza, hlief ghal raguni gusta fondata fid-dritt u fil-fatt, haga li fil-kaz odjern ma rrizultatx, li jissostitwixxi d-diskrezzjoni tieghu ghal dik tal-Bord ta' l-Ghazla.

5. Illi wisq anqas seta' r-rikorrenti jindika, mhux biss li kellu jmur ahjar fil-process tal-ghazla, imma wkoll li jigi fit-tieni flok fit-tnax-il post. Din il-pretensjoni tar-rikorrent hija gratuwita daqs kemm hi nsostennibbli fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi l-konkluzzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fir-rigward tar-rikorrent hija tajba u gusta u timmerita konferma.

Ra l-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li ilu mpjegat mal-Gvern mill-1968 u ghal hafna snin minnhom kien jahdem il-Qorti. Fl-20 ta' Mejju 1991, kien sar ezami ghal grad ta' 'USHER' u marixxall. Sosta li meta mar jistaqsi lis-Sur Alfred Cauchi li kien dak iz-zmien fis-segretarjat tal-Ministeru tal-Gustizzja dan qallu li kien gie minn ta' quddiem u tah x'jifhem li gie it-tieni, u darba dan sar fil-presenza ta' Luqa Ghigo li kien applika bhalu.

Zied li minn dawk li applikaw kien biss Luqa Ghigo li kien senior aktar minnu u hu kellu tlett O levels, u ghalhekk kien l-iktar persuna kwalifikata minn dawk li applikaw.

Meta hareg ir-rizultat b'ghageb tieghu gie klassifikat it-tnax-il wiehed. Jaf li r-rizultat kien qajjem certu kjass ghaliex anke kien intbaghat lura. B'rizultat ta' dan ir-rikorrent gie moghti l-hatra wara dawk li gew klassifikati qablu u ghalhekk lehaq Usher fl-1992 (Frar) u Marixxal f'Dicembru 1995; dan ikkawzalu telf ta' diversi increments u anke llum li gie "boarded out" qed isofri l-konsegwenza ghaliex mhux jiehu l-pensjoni li altrimenti kien jiehu.

Meta xehed semma li s-sur Cauchi xoghlu kien segretarju privat tal-Ministru ta' dak iz-zmien Dr Guido Demarco. Is-Sur Cauchi kien urieh lista li kellu dwar ir-rizultati u hu kien minn ta' quddiem. Dr Guido Demarco dak iz-zmien kien ferahlu li gie minn ta' quddiem fir-rizultat u ghamel dan quddiem l-Imhallef Caruana Colombo. Kienu 27 li ghamlu l-ezami u hu gie kklassifikat it-12. Semma li dak li gie s-7 fil-lista, certu Ellul qatt ma kien resaq lejn il-Qorti u gie kklasifikat is-7. Fil-fatt tant ma kienx imdorri max-xoghol tal-Qorti li ghamel erba t'ijiem u telaq mill-Qorti.

Xehed li l-ewwel kien hemm lista u wara ohra. Fl-ewwel lista kien gie minn ta' quddiem imbaghad fit-tieni lista, it-tnax. Guido Ellul kien fid-dejma kien jaqra l-metres u Carmelo Camilleri kien

security guard ma kellux x'jaqsam mal-Qorti. Hu kien senior ta' Carmel Farrugia, ta' Anthony Briffa, ta' Frans Fenech u ta' Carmel Xuereb. Vincent Falzon il-Qorti kien qablu mbaghad telaq mill-Qorti u mar il-Parlament kif ukoll Anthony Briffa. Jigifieri senior tieghu kien hemm Ghigo biss fil-lista. Semma wkoll lil Joseph Azzopardi li f'sena wahda kien ha tlett promozzjonijiet meta kien ilu biss xahrejn il-Qorti.

Il-karta li ra ghand is-Sur Cauchi kienet karta li kien fiha ir-rizultati, li kienet iffirmata u kienet dattillografata. Semma li r-rizultat ntbaghat il-qorti imbaghad mar lura, Ghigo li ghall-ewwel ma kienx sar, kien spicca biex ha l-promozzjoni. Lista ma twahhlitx fuq in-notice board. Ghigo stess kien qallu li hu ma kienx fil-lista, u li l-President tal-Qorti Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici, intervjena irrangalu u poggieh mal-ewwel ghaxra. L-ewwel lista li ra ghand is-Sur Cauchi, kienet rizultat u kienet addiritura ffirmata. Zied jghid: "Niftakar li meta kellimt lis-Sur Cauchi kien qalli: "Ara, Pace dan lest, addiritura iffirmata hi." Pero' ta' min kienu l-firem, u kemm il-firma kien hemm jien ma nafx."

Fil-Bord tal-ghazla kien hemm is-Sur Esposito, is-Sur Bonello, u s-Sur Briffa ta' l-Establishments. Qal li ilu l-Qorti hafna aktar minn Frans Fenech u Ghigo biss kien qablu. Fl-ewwel lista kien qabel Fenech, fit-tieni lista spicca warajh. Meta mar ikellem lil Cauchi kien hemm Charlie Degiorgio mieghu, li llum huwa Chief Marshall. Sostna li Dr. Guido DeMarco kien ferahlu li gie minn ta' quddiem nett u dan quddiem l-Imhallef Caruana Colombo, dak

iz-zmien. Sar jaf minn shabu li l-lista mwahhla u skopra li mhux fil-lista.

<u>Alfred Cauchi</u> xehed li ghall-habta tan-1991 -1992 kien teacher u gie seconded bhala PRO mal-Ministeru tal-Gustizzja. Semma li ghall-habta tan-1991 kienu saru l-ezamijiet ghal ushers u ghal Marixxalli. Xehed hekk: “Niftakar li minn dawk li kienu ghaddew Joseph Pace kien gie minn ta’ quddiem. Niftakar li zgur Joseph Pace kien gie mill-ewwel sitta. Kont ghidt b’dan lis-Sur Pace meta kien gie jistaqsini xi ftit jiem wara li huwa kien gie minn ta’ quddiem hafna…. Jiena naf peress li l-karta kienet regghet giet f’idejja u rajt illi Joseph Pace ma kienx ghadu klassifikat f’dik il-posizzjoni minn ta’ l-ewwel….Mistoqsi nafx dik l-ewwel lista fejn Joseph Pace kien gie klassifikat minn ta’ l-ewwel kienetx definittiva, jien ghandi nifhem li hekk kienet, kienet definittiva. Fil-fatt ma tantx kien hemm tibdil apparti l-posizzjoni tas-Sur Pace mill-ewwel lista u t-tieni lista. Mistoqsi kienetx iffirmata din l-ewwel lista jiena ma nistax nghid dwar dan.”

<u>Luke Ghigo</u> li llum il-grad tieghu huwa ta’ marixxall xehed li b’referenza ghall-ezami ghall-Ushers u ghall-Marixxalli li kien sar fl-1991 kien applika u fl-ewwel lista tar-rizultat li kienet harget ma kienx gie maghzul, ma kienx gie mill-ewwel ghaxra. Meta giet ippubblikata t-tieni lista fir-rigward ta’ dan l-ezami gie kklassifikat it-tmien wiehed. Semma li r-rikorrent kien wiehed mill-antiki bhalu, ghalkemm hu kellu seniority izjed mir-rikorrent. Bhala seniority hu kien l-ewwel wiehed u Joseph Pace suppost kien jigi warajh, u qabel l-ohrajn li kienu ghamlu l-ezami. Zied li dawk li

gew klassifikati qabilhom fir-rizultat kienu minn dipartimenti ohra u mhux mill-Qorti stess.

Il-Marixxal DeGiorgio xehed li "Niftakar li Joseph Pace kien ghamel l-ezami ghal grad ta' usher 3. Milli niftakar jiena nghid li s-Sur Pace kien talabni biex niehdu hdejn is-Sur Cauchi li dak iz-zmien kien Segretarju tal-Ministru ta' dak iz-zmien. Meta s-Sur Pace kien mar ikellem lil dan kien qallu li huwa kien gie minn ta' l-ewwel fl-ezami jew it-tielet jew ir-raba'. Nghid li dan id-diskors kien sar fil-prezenza tieghi."

Mario Borg Olivier rapprezentant tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku xehed li r-rikorrent kien ghadda u gie kklassifikat it-12 - il post. Fit-13 ta' Mejju 1991 kienu saru l-ewwel ghaxra. Fit-30 ta' Jannar 1992 il-Kummissjoni kienet irrakkomandat 3 kandidati u s-Sur Pace fil-fatt kien wiehed minnhom. Il-Prim Ministru ffirma din ir-rakkomandazzjoni fi Frar 1992.

Emanuel Grech xehed li fl-1991 kien Acting Registrar jew Registrar. Semma li kienu saru l-interviews ghall-habta tan-1990/1991 ghall-ushers u ghall-Marixxalli. Saru l-interviews, u waslu ghandu r-rizultati, biex jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu, u jghaddihom lill-PSC. Meta waslet il-lista tar-rizultati hu ra fost l-ismijiet li kien hemm, isem wiehed fejn deherlu li dan ma kellux jigi appuntat. U ghaldaqstant zammu madwar xahrejn jew tliet xhur minhabba din ir-raguni. Izda mbaghad aktar tard iddecieda li jghaddihom wara li qies l-integrita tan-nies tal-Bord. Deherlu li r-rikorrent kien inkluz fil-lista ta' dawk li kienu ser

jintghazlu ghall-marixxalli. Ma jaf bl-ebda lista li giet irrangata jew ikkoreguta. Ra rizultat wiehed, inghata din il-lista.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien applika fl-1991 u ghamel l-ezami ossija interview ghall-grad ta' Usher u Marixxall. Illi rrizulta car mid-diversi xhieda li wara li sar l-interview harget lista ta' klassifika tal-applikanti u fuq din il-lista r-rikorrent kien qieghed sewwa minn ta' quddiem. Irrizulta car li r-rikorrent stess ra tali lista u ra ismu mnizzel u dan ikkonfermah bil-gurament. Din il-lista raha ghand Alfred Cauchi li fiz-zmien in kwistjoni kien il-PRO tal-Ministeru tal-Gustizzja. L-istess Alfred Cauchi kkonferma li r-rikorrent kien ghadda u zgur li gie mal-ewwel sitta u li hu kien qal lir-rikorrent dwar dan. Dan gie konfermat ukoll mill-Marixxall Degiorgio li semma addirittura li kien ra li r-rikorrent gie t-tielet jew ir-raba'. Luke Ghigo kkonferma li kien hemm zewg listi. Ghalhekk irrizulta car li ghalkemm originarjament harget lista wara din tbiddlet ghal xi ragunijiet li t-Tribunal mhux konxju taghhom ghalkemm fir-rikors gie allegat li dan kien wara li ntervjenew xi nies importanti. Zgur li fl-ewwel lista r-rikorrent kien jokkupa xi t-tielet jew ir-raba' post u addirittura gie kumplimentat fuq il-promotion minn nies f' kariga gholja hafna.

Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak li hemm imsemmi fl-ewwel risposta tal-Ministru tal-Gustizzja li ma hemm ebda prova tal-ingustizzja, din irrizultat bl-aktar mod car illi r-rikorrent l-ewwel kien ser jinghata l-promozzjoni u wara xi interventi mit-tielet,

raba' post spicca fit-tnax-il post. Dan certament jammonta ghal ingustizzja.

Fl-ewwel risposta tieghu fl-ahhar paragrafu l-Ministru tal-Gustizzja sostna li hu mhux il-legittimu kundradittur la darba l-proceduri in kwistjoni saru mill-"Kummissjoni ghas-Servizz tal-Poplu (PSC)" u kwindi hija din il-Kummissjoni li ghandha tirrispondi ghal ghemilha. Fit-tieni risposta tal-Ministru jinghad illi l-Ministru mhux il-legittimu kondradittur tal-ilment fit-terminu tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 waqt li fit-tieni paragrafu tieghu tissemma l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li taht l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni mexxiet l-interview in kwistjoni u li ghalhekk l-ilment ghandu jkun dirett lejn l-istess Kummissjoni. Dan kollu jammonta ghal zewg eccezzjonijiet differenti.

L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li: "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Dan ifisser li l-azzjoni messha giet diretta kontra l-Kap tad-Dipartiment in kwistjoni u cioe` kontra d-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti u mhux kontra l-Ministru. Ara wkoll rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Ghaldaqstant it-Tribunal jillibera lill-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali mill-osservanza tal-Gudizzju.

Dwar il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku jinghad li t-Tribunal gja kellu l-okkazjoni jidhol u jezamina dan l-aspett fil-kawza fl-

ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998.

"Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista' tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

Il-kwistjoni jekk -

(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita' bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew

(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid…

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit". Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-

konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat."

Ghall istess raguni jichad din l-eccezzjoni.

It-tielet nota ta' eccezzjoni tal-Ministru hija ripetizzjoni tal-istess eccezzjonijiet gja ezaminati.

Fir-risposta tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti l-ewwel zewg paragrafi mhumiex eccezzjonijiet. Is-sitt wiehed huwa dwar dak gja msemmi fuq il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. It-tielet eccezzjoni jissolleva li hu mhux il-legittimu kontradittur minhabba li l-ezami ma sarx minnu izda l-ligi taghmilha cara fl-Artikolu 181B tal-Kap 12 li l-azzjoni ghandha tkun diretta kontra l-Kap tad-Dipartiment.

Hawnhekk ir-rikorrent mhux qieghed jissindika l-operat tal-PSC u jaghmel xi talba kostituzzjonali izda qieghed imexxi dwar dak li jsostni li sar u li jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kapitolu 394 u ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Dwar ir-raba' eccezzjoni l-kjamat in kawza qed isostni li t-Tribunal m' ghandux hlief ghal raguni gusta fondata fid-dritt u fil-fatt ivarja d-decizjoni tal-Bord tal-ghazla. Minn dak li ntqal fuq jidher car kemm tali eccezzjoni hija bla bazi. Meta l-ewwel saret lista mill-Bord tal-Ghazla u din giet sostitwita b' lista ohra kif

jista' jkun qatt jinghad li ma hemmx raguni gusta u fondata kemm fid-dritt u fil-fatt biex jintervjeni t-Tribunal. Certament li l-kaz in ezami jimmerita li t-Tribunal jaghmel id-doveri tieghu u jintervjeni.

Il-hames paragrafu mhux eccezzjoni izda linja ta' argumentazzjoni li hekk jew b' hekk gja giet ezminata.

Illi ghalhekk tirrizulta l-ingustizzja kif stipulata fl-Artikolu 6 tal-Kap 394. Illum il-gurnata r-rikorrent jinsab irtirat oltre li hu xorta wahda kien gie moghti dawk il-promozzjonijiet fi zmien successivi. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-kjamat in kawza.